

## Digriet tal-Qorti Ġeneral ta' 8 ta' Ġunju 2021 – One Voice vs ECHA

(Kawża T-663/20) <sup>(1)</sup>

*("Rikors għal annullament – REACH – Sustanza homosalate – Użu eskużiv għall-manifattura ta' prodotti kożmetiċi – Kontroll tal-konformità tar-reġistrazzjonijiet – Artikolu 41(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 – Terminu għall-preżentata ta' rikors – Artikolu 21(5) tar-Regolament (KE) Nru 771/2008 – Artikolu 59 tar-Regoli tal-Proċedura – Inammissibbiltà")*

(2021/C 310/46)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: One Voice (Strasbourg, Franza) (rappreżentant: A. Ghersi, avukat)

Konvenut: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (rappreżentanti: W. Broere u L. Bolzonello, aġenti, assistiti minn S. Raes, avukat)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni A-009-2018 tal-Bord tal-Appell tal-ECHA, tat-18 ta' Awwissu 2020, dwar il-kontroll tal-konformità ta' fajl ta' reġistrazzjoni għall-homosalate.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) One Voice hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 9, 11.1.2021.

## Digriet tal-Qorti Ġeneral ta' 8 ta' Ġunju 2021 – One Voice vs ECHA

(Kawża T-664/20) <sup>(1)</sup>

*("Rikors għal annullament – REACH – Sustanza salicylate ta' 2-ethylhexyl – Użu eskużiv għall-manifattura ta' prodotti kożmetiċi – Stħarriġ tal-konformità tar-reġistrazzjonijiet – Artikolu 41(1) tar-Regolament (KE) Nru 1097/2006 – Terminu għall-preżentata ta' rikors – Artikolu 21(5) tar-Regolament (KE) Nru 771/2008 – Artikolu 59 tar-Regoli tal-Proċedura – Inammissibbiltà")*

(2021/C 310/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: One Voice (Strasbourg, Franza) (rappreżentant: A. Ghersi, avukat)

Konvenut: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (rappreżentanti: W. Broere u L. Bolzonello, aġenti, assistiti minn S. Raes, avukat)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni A-010-2018 tal-Bord tal-Appell tal-ECHA tat-18 ta' Awwissu 2020, dwar l-istħarriġ tal-konformità ta' proċess ta' reġistrazzjoni għas-salicylate ta' 2-ethylhexyl.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

2) One Voice hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>(1)</sup>) ĠU C 9, 11.1.2021.

## Rikors ippreżentat fit-2 ta' Ġunju 2021 – SY vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-312/21)

(2021/C 310/48)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrent: SY (rappreżentant: T. Walberer, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Skont l-Artikolu 270 TFUE, l-Artikolu 91(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikoli 263 u 265 TFUE, ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-lista ta' riżerva fil-kompetizzjoni EPSO/AD/374/19-1, id-deċiżjonijiet ta' reklutaġġ ta' kandidati fuq il-lista ta' riżerva, id-deċiżjonijiet tal-bord tal-għażla tal-21 ta' April 2021 u tal-14 ta' Jannar 2021 sabiex ir-rikorrent ma jkunx inkluż fil-lista ta' riżerva fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, l-“addendum” għall-avviż ta' kompetizzjoni EPSO/AD/374/19-1 tal-5 ta' Novembru 2020 u l-konvokazzjoni tar-rikorrent tal-20 ta' Novembru 2020,
- sussidjarjament, tannulla d-deċiżjonijiet tal-bord tal-għażla tal-21 ta' April 2021 u tal-14 ta' Jannar 2021 dwar ir-rikorrent, u fis-sentenza tipprovd i lill-konvenuta b'linji gwida spċifici meħtieġa għall-istabbiliment mill-ġdid tal-pożizzjoni legali tar-rikorrent qabel il-ksur, li jippermetti lill-konvenuta tinkludi lir-rikorrent fil-lista ta' riżerva immedjatamentej jew wara li tiġi evalwata mill-ġdid il-prestazzjoni tiegħu, tannulla l-“addendum” għall-avviż ta' kompetizzjoni EPSO/AD/374/19-1 tal-5 ta' Novembru 2020 u l-konvokazzjoni tar-rikorrent tal-20 ta' Novembru 2020,
- tiddikjara li l-konvenuta kisret l-Artikolu 265 TFUE peress li naqset milli tindirizza l-ilment amministrattiv tar-rikorrent tas-17 ta' Jannar 2021,
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-modifika retroattiva tal-proċedura ta' selezzjoni hija illegali minħabba nuqqas ta' bażi legali u minħabba drittijiet kunfliġġenti kif ukoll ksur ta' ċarezza legali, tal-obbligu ta' motivazzjoni u tad-dritt ta' parteċipazzjoni.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fir-rigward ta' marda tar-rikorrent li kienet diġà teżisti, minħabba li l-konvenuta naqset milli tipprovd i l-arranġamenti spċċali meħtieġa għall-eżami.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li r-rikorrent kien ġie diskriminat minħabba l-ħin ta' dewmien meta mqabbel mal-parteċipanti fiċ-ċentru tal-evalwazzjoni li huwa purament elettroniku.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li r-rikorrent ġie ddiskriminat meta mqabbel mal-impiegati tal-konvenuta.